MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 426/2006

**Joseph Said Ltd. (C5857)**

**vs**

**Vincent Galea**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici datata 12 ta' Mejju 2006 a fol. 1 tal-process fejn Dr. Simon Micallef Stafrace ikkonferma:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tletin elf u sitta u ghoxrin lira (Lm30,026) dovuti fuq konsenja ta' frott.

Illi *nonostante* s-sejha ghall-hlas u diversi weghdiet ghall-hlas il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarah debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' Lm30,026.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm30,026.

Dan kollu bl-ispejjez u imghax mid-data tan-notifika ta' dan l-att kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit a fol. 7 sa 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Simon Micallef Stafrace ghas-socjeta` attrici u David Said ghall-istess u Dr. Angelo Farrugia ghall-konvenut prezenti. Dr. Simon Micallef Stafrace iddikjara li m`ghandux oggezzjoni li l-konvenut jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. L-eccezzjoni hija fis-sens li l-konvenut hallas l-ammont kollu reklamat. Il-Qorti laqghet it-talba fis-sens li l-konvenut kellu ghoxrin (20) jum zmien biex jipprezenta rispsosta guramentata jew nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Inghata digriet sabiex il-konvenut jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavits b' terminu ta' erbghin (40) jum bid-dokumenti kollha relattivi. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm zewg seduti sal-ahhar ta' Frar 2007 ghall-provi kollha relattivi tal-konvenut, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u wara l-istess il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Vincent Galea ID 396641 (M) datata 6 ta’ Dicembru 2006 a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta *in parte ai termini* tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici rikorrenti, *stante* illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammonti mitluba gew effettivament imhallsa mill-eccipjenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-eccipjenti kien jircievi rendikont kull xahar minghand is-socjeta` attrici rikorrenti, u l-istess esponenti kien ihallas lis-socjeta` attrici rikorrenti kull hmistax tax-xahar, u dan ukoll kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi ghalhekk jehtieg illi s-socjeta` attrici rikorrenti tipprova a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti l-kreditu li qed tippretendi li ghandha fil-konfront tal-eccipjenti.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti minn fol 28 sa fol 74 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli u d-dokumenti kollha quddiemha pprezentati.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Marzu 2007 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat minflokha lil Dr. Charmaine Galea bhala Perit Legali. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex tiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi konvenut u wara l-istess il-provi tal-konvenut gew iddikjarati maghluqa. Inghata digriet sabiex is-socjeta’ attrici tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavits fi zmien tletin (30) jum mill-

konkluzjoni tal-provi konvenuti. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex tiffissa zewg seduti gahll-konkluzjoni tal-provi attrici u wara li awtorizzatha tirrelata fuq il-provi hekk prodotti, tali nomina a spejjez provizorjament attrici.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Charmaine Galea pprezentat fit-22 ta’ Frar 2010 u mahluf fis-seduta tat-13 ta’ Mejju 2010 (fol. 146).

Rat ix-xhieda u d-dokumenti prodotti kollha nkluzi dawk quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u l-Perit Legali hawn nominati.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici datata 28 ta’ Ottubru 2010 li biha rrimettiet ruhha ghall-istess rapport peritali.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tat-2 ta’ Novembru 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ Lm30,026 minghand il-konvenut rapprezentanti prezz ta’ konsenja ta’ frott maghmula mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li parti mis-somma mill-ammont mitlub hija preskritta skont l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16,** liema artikolu japplika ghall-bejgh bl-ingrossa.

Illi naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata jekk per ezempju, d-debitur b'att tieghu spontanju ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza jpoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Hekk perezempju l-kaz ta' pagament akkont tad-debitu, liema pagament jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn (Vol. XXX.i.755) u allura att minnu nnifsu interruttiv, ossija "*l'abdicazione di un diritto.*" **("Farrugia vs Petrini"** – P.A. - 7 ta' Dicembru 1901).

Illi r-rikonoxximent tad-debitu stabbilit mill-**artikolu 2133** jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. *Ad exemplum*, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont **(artikolu 2134),** l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-*accounts*.

Illi jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att **("Austin Psaila vs Lothar Slabick"** – A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005).

Illi madankollu jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li din il-kawza giet intavolata fit-12 ta' Mejju 2006 mentri Dokument "A" anness mac-citazzjoni jelenka numru ta' ammonti dovuti abbazi ta' *invoices* datati mill-11 ta' Gunju 1995 sat-12 ta' Awissu 2002. Illi minn Dokument "B" jirrizulta wkoll illi l-pagamenti kienu jsiru kull tant zmien bl-ahhar pagament b'cheque isir fis-26 ta' Lulju 2002. L-emissjoni ta' cekk da parti tad-debitur jissarraf

f’rikonoxximent car, esplicitu u inkondizzjonat tad-debitu. Rikonoxximent li kapaci jinterrompi l-preskrizzjoni eccepita **(“Raymond Camilleri nomine vs Anthony Scicluna proprio et nomine”** – P.A. (PS) – 28 ta’ Jannar 2004).

Illi apparti minn hekk jirrizulta illi Shaun Said cempel diversi drabi fuq in-numru li l-konvenut ammetta li kien juzah u dawn it-telefonati sahanistra jmorru anke oltre d-data tal-prezentata tac-citazzjoni u f’dan is-sens hemm konferma ta’ dan permezz ta’ rapport tal-Vodafone ghall-perjodu mit-3 ta’ Marzu 2005 sat-3 ta’ Frar 2006 (Dok. “SS1” u Dok. “SS 2”). Illi jirrizulta wkoll li l-istess konvenut ammetta illi Shaun Said cempillu hafna drabi u kif ukoll hu kien cempel hafna drabi lill-istess Said.

Illi in vista tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma illi l-preskrizzjoni eccepita ta’ hames (5) snin mill-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li jirrizulta ampjament car mill-prova li l-istess giet interrotta u f’dan is-sens din il-Qorti qed taqbel mal-konkluzjonijiet tal-brava Perit Legali fir-rigward. B’hekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn giet eccepita l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** qed tigi michuda.

Illi permezz tat-tieni u r-raba’ eccezzjoni tieghu il-konvenut eccepixxa li l-ammonti mitluba gew effettivament imhallsa u li s-socjeta` attrici trid tipprova a sodisfazzjon ta’ din il-kreditu li qed tippretendi li ghandha fil-konfront tieghu.

Illi ma hemmx dubju li huwa l-oneru tas-socjeta’ attrici li tipprova tipprova l-ezistenza tal-kreditu minnha vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa’ japplika l-principju “*actor non probante, reus absolvitur*”. F’dan il-kuntest is-socjeta` attrici ipproduciet *statement* tal-forrnituri li hija ghamlet lill-konvenut. Illi ma jidhirx illi fid-dekors taz-zmien sa meta l-konvenut baqa’ attiv bin-negozju tieghu qatt kien hemm xi kontestazzjoni tal-*istatements* li huwa kien jircievi kull xahar. Lanqas fil-mori tal-kawza l-konvenut ma individwa xi *invoices* li ma kinux jirriflettu dak li effettivament gie konsenjat lilu. Ghaldaqstant in vista ta’ dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li s-socjeta` attrici forniet lill-konvenut bl-

ammonti rapprezentanti prodotti mibjugha minnha kif indikati fl-istess *invoices*.

Illi minn naha l-ohra dak li l-konvenut qieghed fermament jichad hu illi ghad baqaghlu xi bilanc x'jaghti lis-socjeta` attrici u dana stante li huwa hallas kollox. Hawn ovvjament f'dan il-binarju l-oneru ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet tal-konvenut ta' pagament jinkombi fuqu tenut kont tal-principju generali li min jallega jrid jipprova. Fid-dubju u fin-nuqqas tar-ricevuti kollha ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx kollu jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-kreditur huwa sodisfatt **("Desmond Mizzi nomine vs Patrick Filletti pro. et nomine"** - A.C. 28 ta' Jannar 2000).

Illi meta din il-Qorti ezaminat il-konteggi relattivi, sabiex b'hekk ikun jista' jigi verifikat jekk wara l-pagamenti li gab prova taghhom il-konvenut, is-socjeta` attrici ghadx ghandha bilanc favur taghha. Minn ezami li ghamlet il-perit legali irrizulta is-segwenti ezercizzju matematiku:-

(a) Illi l-ammont mibjugh minn Joseph Said Ltd. lill-konvenut skont Dokument "B" huwa ta' Lm78,704.25;

(b) Illi l-ammont ta' pagamenti permezz ta' cekkijiet maghmula mill-konvenut u li gew rikonoxxuti mis-socjeta` attrici f'Dokument "B" jammontaw ghal Lm42,648.87.

(c) Illi il-pagamenti maghmula mill-konvenut u li ma jidhrux f'Dokument "B" konsistenti f'cekk numru 901 datat 10 ta' April 1998 fl-ammont ta' Lm1,236.11; f'cekk numru 908 datat 10 ta' Mejju 1998 fl-ammont ta' Lm996.66; u f'cekk numru 922 datat 8 ta' Awissu 1998 fl-ammont ta' Lm1,010.55 jammonta ghall Lm3,303.32.

(d) Illi d-differenza bejn l-ammont ta' cekk 1049 u dak imnizzel f'Dokument B huwa dak ta' Lm1 u dan skont *statement entry* datata 14 ta' Dicembru 2000 f'Dok. "B"

(e) Illi l-pagamenti maghmula mill-konvenut skont Dokument "B" li pero l-konvenut ma esebixxa l-ebda cekk fir-rigward jammontaw ghas-somma ta' Lm6,018.99.

Dawn jikkonsistu f'7 *statement entries* bhala pagament li pero' ma gewx esebiti c-cekkijiet relattivi mahruga da parti tal-konvenut. L-ammonti rispettivi ta' dawn ic-cekkijiet huma ta' Lm1,227.36, Lm1,208.13, Lm1,375.85, Lm1,111.09, Lm1,015.57. Apparti dawn hemm zewg entraturi ohra u cioe` Lm74.99 fid-9 ta' Marzu 1999, u Lm6 fit-3 ta' Mejju 1999 li wkoll jidher li thallsu *cash* mill-konvenut).

Illi ghalhekk minn dan kollu jirrizulta li l-balanc dovut mill-konvenut huwa dak ta' Lm26, 732 li huwa llum ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u sittin elf, mitejn u tmienja u sittin ewro u seba' u disghin centezmu (€62,268.97).

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-konvenut ghad baqaghlu bilanc pendenti mas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €62,268.97 ekwivalenti ghal Lm26,732.07 bl-imghax dekorribbli mid-19 ta' Gunju 2006. Ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fl-istess ammont.

Illi in vista tar-rizultanzi tal-kaz u partikoralment li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici kien iktar minn dak attwalment dovut, l-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu 1/10 a karigu tas-socjeta' attrici u 9/10 a karigu tal-konvenut.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16,** u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut debitur lejn is-socjeta` attrici fis-somma ta' tnejn u sittin elf, mitejn u tmienja u sittin ewro u seba' u disghin centezmu (€62,268.97) ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf, seba` mija u tnejn u tletin lira u seba` centezmi (Lm26,732.07).

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tnejn u sittin elf, mitejn u tmienja u sittin ewro u seba’ u disghin centezmu (€62,268.97) ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin elf, seba` mija u tnejn u tletin lira u seba` centezmi (Lm26,732.07).

Bl-imghax legali mid-19 ta’ Gunju 2006 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut u bl-ispejjez tal-kawza kwantu ghall 1/10 ghas-socjeta’ attrici u 9/10 a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------